**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 10 ta' April 2025**

**Kawża Numru: 1**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1215/2024 JVC**

**Haben Kibrom Tesfamariam (0149996A) għan-nom u in rappreżentanza ta' binha minuri Michael Haben Kibrom Tesfamariam**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Haben Kibrom Tesfamariam noe talab kif isegwi:

1. ‘Illi l-minuri Michael Haben Nathan Haben Kibrom Tesfamariam twieled nhar is-6 ta’ Settembru 2024 (DOK MHR1) lir-rikorrenti Haben Kibrom Tesfamariam u missier mhux mgħaruf;

2. Illi l-isem mgħoti lill-minuri minn ommu r-rikorrent kien Michael Haben Nathan Haben Kibrom Tesfamariam;

3. Illi, madankollu, fuq l-att ta’ twelid tiegħu 5902/2024, fit-taqsima intitolata “*Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa u l-kunjom*” l-isem tal-minuri ma ġiex indikat kif suppost, ossia “Michael Haben Nathan Haben Kibrom Tesfamariam”, iżda bħala “Michael Haben Kibrom Tesfamariam”;

4. Illi kienet l-intenzjoni tar-rikorrenti li l-isem “Michael Haben Nathan Haben Kibrom Tesfamariam” jiġi indikat sħiħ bħala “*Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa u l-kunjom*” u dan minħabba l-fatt illi fil-kultura tar-rikorrenti omm, u li fiha ser jitrabba l-minuri, ikun importanti li jkollu l-ismijiet kollha mniżżlin sabiex ‘l quddiem ikun jista’ jagħżel kif jiġi msejjaħ mill-familjari tiegħu;

5. Illi din il-korrezzjoni jeħtieġilha ssir hekk kif il-minuri għadu tarbija tat-twelid sabiex ma jkollux diffikultajiet fil-futur;

6. Illi din it-talba qed issir in linea ma’ dak provdut fl-Artikolu 253 tal-Kap 16;

Illi għaldaqstant, ir-rikorrenti qiegħdin jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha;

1. Tordna a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liijiet ta’ Malta li l-Att tat-Twelid iskritt fir-Reġistru Pubbliku bin-numru 5902/2024

tal-minuri jiġi emendat mill-intimat sabiex fit-taqsima intitolata "*Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa u l-kunjom*" jiġi jaqra "Michael Haben Nathan Haben Kibrom Tesfamariam" u mhux "Michael Haben Kibrom Tesfamariam";

2. Tordna lill-intimat iwettaq il-bidla meħtieġa fl- l-Att tat-Twelid bin-numru 5902/2024 u dan taħt kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li hu minn issa nġunt in subizzjoni.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi fl-ewwel lok, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif ġew dikjarati fir-rikors promotur. Madanakollu, mill-atti u dokumentazzjoni fil-poteri tiegħu jirriżulta s-segwenti;

2. Illi minn dak li jirriżulta *ictu oculi*, skont l-**Att tat-Twelid** bin-numru progressiv **5902/2024** (anness u mmarkat bħala **Dok. DRP 1**), jidher illi iben ir-rikorrenti, ċioe' l-minuri **'Michael Haben Kibrom Tesfamariam'** twieled ġewwa Malta nhar is-sitta (6) ta' Settembru 2024 lir-rikorrenti **'Haben Kibrom Tesfamariam'** u ġenitur mhux magħruf. Skont l-istess Att tat-Twelid, taħt il-kolonna 'Ismijiet mogħtija', hemm indikati l-ismijiet **'Michael Haben, Nathan Haben',** filwaqt illi taħt il-kolonna 'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa u l-kunjom' hemm indikat l-isem **'Michael Haben'** u l-kunjom **'Kibrom Tesfamariam'**, u dana skont kif dikjarat mir-rikorrenti fid-dikjarazzjoni tat-twelid kif ukoll fuq id-dokument tan-notifika tat-twelid, u għaldaqstant ma jistax jingħad illi sar xi żball mill-esponent Direttur tar-Reġistru Pubbliku meta ġie reġistrat dan l-Att tat-Twelid;

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent Direttur qiegħed jirrimetti ruħu salv illi l-intenzjoni tar-rikorrenti kienet illi verament il-minuri jiġi ndikat bl-isem **'Michael Haben Nathan Haben'** u mhux biss bl-isem 'Michael Haben' taħt il-kolonna 'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa u l-kunjom' u li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

4. Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ u kif spjegat aktar qabel, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u <u>għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti</u>;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont l-liġi;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħda tiġi nġunta in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 6 tal-proċess.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors ġuramentat kif ukoll partikolarment id-dokumentazzjoni annessa mar-risposta tad-Direttur intimat li effettivament fil-formola li saret sabiex jiġi reġistrat il-minuri a fol. 21 tal-proċess l-omm iddikjarat li t-tarbija kienet qed tingħata l-ismijiet 'Michael Haben Nathan Haben'

effettivament iddikjarat li l-ismijiet li għandu jissejjaħ bihom kienu biss 'Michael Haben'. Minn din id-dokumentazzjoni għalkemm tirriżulta ċara l-intenzjoni tal-omm illi l-isem tal-minuri jkun 'Michael Haben Nathan Haben' jirriżulta li sar żball taħt il-kolonna kif għandha tiġi msejħa t-tarbija fejn tħallew barra l-ismijiet 'Nathan Haben'.

Illi fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma ġustifikati u ser tgħaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tordna a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li l-Att tat-Twelid iskritt fir-Reġistru Pubbliku bin-numru 5902/2024 tal-minuri jiġi emendat mill-intimat sabiex fit-taqsima intitolata "*Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa u l-kunjom*" jiġi jaqra "Michael Haben Nathan Haben Kibrom Tesfamariam" u mhux "Michael Haben Kibrom Tesfamariam";

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-intimat iwettaq il-bidla meħtieġa fl- l-Att tat-Twelid bin-numru 5902/2024 .

4. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**5.** Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**10 ta' April 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**10 ta' April 2025**